# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 22 ta' April 2021**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 627/2016 JVC**

**Claudette Camilleri (ID504478M)**

**vs**

**Christopher u Sven, ahwa Camilleri u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2017 gew nominati Dr Benjamin Valenzia u l-PL Doreen Aquilina bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil istess. B'digriet tat-2 ta' Frar 2017 gew estromessi l-kuraturi deputati stante li b'nota tal-11 ta' Jannar 2017 Dr Ludvic Caruana accetta l-bandi ghan-nom tal-eredi ta' Carmelo *sive* Charles Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Claudette Camilleri kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi d-defunt Carmelo *sive* Charles Camilleri kien legalment separat minn ma' martu Lorita Zammit u dan ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni, in atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana datat 12 ta' Novembru 2004 (**Dok A**);

2. Illi miz-zwieg tieghu ma' Lorita Zammit, id-defunt Carmelo Camilleri, kellu zewg ulied, Sven u Christopher;

3. Illi tul iz-zwieg tieghu ma' Lorita Zammit, id-defunt kien ghamel testment f'liema halla bhala werrieta tieghu liz-zewg ulied minuri;

4. Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni, Lorita Zammit u d-defunt, ftiehmu u qablu f'paragrafu tlieta tal-istess, illi jirrinunzjaw ghal kull dritt ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin. Tali rinunzja kienet testendi ukoll ghad-drittijiet ta' successjoni naxxenti minn testmenti li saru qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni;

5. Illi jirrizulta illi effettivament id-defunt qatt ma hassar u rrevoka formalment l-imsemmi testment;

6. Illi jirrizulta illi d-defunt Carmelo *sive* Charles Camilleri u r-rikorrenti kienu ilhom f'relazzjoni stabbli flimkien ghal tlettax-il sena u sussegwentement fit-28 t'April 2014, huma zzewgu (**Dok B**);

7. Illi sfortunatament Carmelo *sive* Charles Camilleri, miet wara biss sitt xhur mit-tieni zwieg tieghu u cioe' nhar l-10 ta' Ottubru 2014 (**Dok C**);

8. Illi stante li d-defunt ma rrevokax formalment l-effetti tat-testment li huwa kien ghamel tul l-ewwel zwieg tieghu, il-werrieta universali tieghu huma uliedu, filwaqt li r-rikorrenti hija intitolata biss ghall-porzjon riservat skont il-ligi u cioe' kwart tal-assi tal-mejjet;

9. Illi stante li l-intimati ulied, diga' zbankaw il-flejjes u l-polza tal-assigurazzjoni li d-defunt kellu mizmuma mal-Middlesea Insurance Plc, ir-rikorrenti pprocediet kontra l-intimati b'mandat ta' inibizzjoni numru 1810/2015SM sabiex tinibixxi lill-intimati milli jbieghu l-garaxx mmarkat numru wiehed (1) liema garaxx jinsab fil-livell ta' basement u ghandu dan il-garaxx sehem indiviz tal-partijiet komuni quddiem il-garaxxijiet.; liema garaxx kien propjeta' tad-defunt Carmelo Camilleri; liema mandat gie milqugh favur taghha bil-provvediment ta' din l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' Dicembru, 2015 (**Dok D**), u ghalhekk qed tipprocedi b'din l-azzjoni fil-konfront tal-intimati;

10. Illi jinghad ukoll illi stante li r-rikorrenti mhix l-eredi tad-defunt zewgha, hija m'ghandhiex informazzjoni dwar l-assi u kontijiet bankarji ohra ta' zewgha, u fil-prezent, ghalhekk, mhix f'posizzjoni li tikkwantifika bi precizjoni kemm huwa l-porzjoni tas-sehem rizervat taghha ghalhekk l-esponenti tirrizerva il-posizzjoni taghha dwar kull kreditu ulterjuri li jirrizulta illi hija ghandha;

11. Illi skond l-Artikolu 631 tal-Kap 16 l-intimati irid jhallsu lir-rikorrenti f'kontanti s-sehem riservat taghha u dan stante li illum dan huwa dritt ta' kreditu li fuqu jiddekorri l-imghax a tenur tal-artikolu 615(2) tal-Kap 16 sa mill-mewt tad-defunt u dan stante li r-rikorrent hadet hsieb tipprosegwi bl-ittra ufficjali bin-numru 3874/15, fit-terminu impost mil-ligi;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghalfejn m'ghandix dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tistabilixxi u taccerta l-konsistenza tal-assi ereditarji tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Camilleri occorrendo bil-hatra ta' periti nominandi;

2. Tiddikjara li r-rikorrenti hija intitolata ghas-sehem riservat mill-eredita' ta' zewgha Carmelo *sive* Charles Camilleri li miet nhar l-10 ta' Ottubru 2014, minghand l-eredi tieghu, u cioe' uliedu Christopher u Sven ahwa Camilleri;

3. Tillikwida u tikkwantifika l-valur tal-eredita kollha tad-defunt Carmelo *sive* Charles Camilleri u sussegwentement tghaddi sabiex tistabilixxi l-valur tal-porzjon riservat spettanti lir-rikorrenti mill-intimati skont il-Ligi;

4. Tillikwida l-imghax dovut lir-rikorrenti mid-data tal-mewt tad-defunt Carmelo *sive* Charles Camilleri u cioe' mill-10 ta' Ottubru 2014 sal-pagament effettiv;

5. Tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata, rapprezentanti dak dovut lir-rikorrenti bhala sehem riservat imholli lilha wara l-

mewt ta' zewgha Carmelo *sive* Charles Camilleri, flimkien mal-imghaxijiet legali;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, inkluz l-ispejjez tal-Ittra Ufficjali u tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1810/2015SM, bl-imghaxijiet relattivi skont il-ligi sal-hlas effettiv kontra l-intimati, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-mandatarju specjali l-avukat Dottor Ludvic Caruana LL.D., li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi l-konsistenza ta' l-assi tad-defunt Carmelo Cornelius Camilleri gia' tinsab accertata permezz ta' dikjarazzjoni causa mortis datata 21 ta' Novembru 2014 in atti Nutar Tania Farrugia li eventwalment kienet giet rexissa u inventarju anness ma' rikorsipprezentat fil-Qorti Civili – Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja, kopja ta' l-inkartament kollu jinsab hawn anness u markat Dok A, u kwindi ma hemmx il-htiega ghan-nomina ta' periti.

2. Illi sad-data tar-rexissjoni l-attrici kienet ghadha temmen li hi eredi tad-defunt u mhux biss legittimarja u kien ferm wara din id-data li hija talbet minghand l-eredi il-legittima spettanti lilha.

3. Illi l-eredi qatt ma cahhdu lill-attrici mis-sehem riservat tant li kien hemm qbil illi l-eredi jittrasferulha proprjeta' in natura a saldu tal-legittima minflok kreditu u dan bil-kondizzjoni illi hi jirnexxielha takkwista mill-Awtorita' Tad-Djar it-terz ta' l-appartament, hag li ma rnexxilhiex taghmel kif jirrizulta mis-segwenti korrispondenzi markati Dok B1, Dok B2 u Dok B3. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta bic-car

sas-26 ta' April 2016, l-eredi kienu qeghdin jghinu lill-attrici sabiex takkwista t-terz indiviz ta' l-appartament minghand l-Awtorita' Tad-Djar.

4. Illi wara li l-Awtorita' tad-Djar ma kkonsidratx it-talba taghha ghall-akkwist tal-fond, l-attrici ma riedet bl-ebda mod tizgombra mill-fond u dan minkejja li giet interpellata permezz ta' ittra interpellatorja datata 16 ta' Gunju 2016, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u markata Dok C, segwita minn kopja ta' ittra ufficjali markata Dok D datata 29 ta' Novembru 2016, debitament notifikata fit-2 ta' Dicembru 2016, u baqghet inadempjenti sal-gurnata tal-lum. Permezz ta' ittra ufficjali responsiva datata 7 ta' Dicembru 2016, l-attrici irrespingiet it-talbiet tal-eredi fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta minn Dok E.

5. Illi kwindi l-eredi qatt ma setghu jhallsu il-legittima lill-attrici peress illi minhabba l-inadempjenza taghha li tizgombra mill-fond Madonna tal-Karmnu', Blokk 3, Flat 1, gia' Binja ta' Calleja, Block 11, Flat 1, li jinsab fi Triq Kanonku Indri' Galea, Birkirkara, huma ma kellhomx il-fondi necessarji sabiex jghaddulha l-kreditu. Jigi rilevat illi fid-data tal-mewt tad-defunt, l-eredi kienu minuri u studenti, illum maggorenni u studenti.

6. Illi certament ir-raba' talba ghandha tigi michuda peress illi l-ebda imghax ma hu dovut mill-mewt tad-defunt ghaliex certament il-pretensjoni ta' l-attrici ghal-legittima zgur li ma bdietx minn dak in-nhar.

7. Illi l-eredi qeghdin illum stess jipprezentaw kawza ghall-izgumbrament ta' l-attrici mill-fond Madonna tal-Karmnu',

Blokk 3, Flat 1, gia' Binja ta' Calleja, Block 11, Flat 1, li jinsab fi Triq Kanonku Indri' Galea, Birkirkara, u kif ukoll mill-garaxx internament immarkat bin-numru 1, li jinsab fil-livell ta' basement fl-istess blokka li jinsab fiha l-imsemmi appartament.

Salv eccezzjonijiet ohra xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez inkluza l-ittra ufficjali numru 3888/16.'.

Rat l-affidavits, xiehda, kuntratt ta' separazzjoni, certifikati, digriet, ittri, ittri ufficjali, statements tal-bank, dokumenti ta' Transport Malta u MSV Life Insurance, stima, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi permezz ta' nota a fol. 33 tal-process intavolata nhar il-11 ta' Jannar, 2017 Dr Ludvic Caruana accetta l-bandu mahrug permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta datat 12 ta' Dicembru, 2016 b'dan illi huwa jista jirrapprezenta lill-eredi tad-defunt Carmelo *sive* Charles Camilleri u cioe' Christopher u Sven, ahwa Camilleri u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tat-2 ta' Frar, 2017 fejn permezz tieghu wara li rat l-Artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-estromissjoni tal-kuraturi deputati mill-atti;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Mejju, 2017 id-difensuri tal-partijiet qablu li l-provi li jingabru f'din il-kawza ghandhom jghoddu ghall-kawza bir-rikors guramentat numru 131/2017;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Marzu, 2018 Dr Ludvic Caruana rrileva li l-kawza 131/2017 ma tiddependiex fuq din il-kawza u vice-versa u ghalhekk ghandhom jithallew ghas-sentenza indipendentement minn xulxin u l-provi ghandhom jingabru separatament, u rat id-

digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fejn irrevokat contrario imperio d-digriet taghha tat-23 ta' Mejju, 2017 fejn ipprovdiet li l-provi li jingabru f'din il-kawza jghoddu ghal kawza 131/2017;

Rat ir-rikors ta' Claudette Camilleri fl-atti tal-kawza 131.2017 ntavolat nhar it-12 ta' Marzu, 2018 fejn permezz tieghu b'referenza ghall-verbal tas-6 ta' Marzu, 2018 talbet lill-Qorti tirrevoka d-digriet tas-6 ta' Marzu, 2018 fiz-zewg kawzi u tordna li l-kawzi jkompli jinstemghu kontestwalment, kif ukoll li l-provi f'kawza wahda ghandhom ikunu applikabbli fil-kawza l-ohra u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 14 ta' Mejju, 2018 a fol. 187 *et seq* tal-process fejn permezz tieghu laqghet it-talba u rrevokat contrario imperio d-digriet taghha tas-6 ta' Marzu, 2018 u rravvivat dak li gie vverbalizzat bi qbil bejn il-partijiet fit-23 ta' Mejju, 2017 u dan id-digriet gie jghodd ukoll ghall-kawza odjerna;

Rat l-atti tal-kawza 131/2017;

Rat illi fil-verbal datat 13 ta' Ottubru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet f'termini mposti fuqhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici esebita fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti:**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attrici qed titlob li tinghata l-porzjon riservat dovut lilha mill-wirt u successjoni ta' zewgha

Carmelo *sive* Charles Camilleri li gie nieqes nhar l-10 ta' Ottubru, 2014 (ara att tal-mewt a fol. 14 tal-process). L-attrici Claudette Camilleri kienet ilha f'relazzjoni stabbli ma' Carmelo *sive* Charles Camilleri ghal tlettax (13) il-sena u kienu nghaqdu fiz-zwieg fit-28 ta' April, 2014 (ara att taz-zwieg a fol. 13 tal-process).

Precedenti z-zwieg mal-attrici, l-mejjet Carmelo *sive* Charles Camilleri kien mizzewweg ma' certa Lorita Zammit, minn liema zwieg twieldu zewgt itfal, Christopher u Sven ahwa Camilleri. Fil-kors ta' dan z-zwieg il-mejjet Carmelo *sive* Charles Camilleri kien ghamel testment *unica charta*, f'liema testment kien fost affarijiet ohra istitwixxa bhala werrieta universali tieghu lil uliedu Christopher u Sven ahwa Camilleri (ara testment datat 19 ta' Settembru, 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin a fol. 26 *et seq* tal-process bir-rikors guramentat numru 131/2017). Sussegwentament huwa kien legalment issepara minn ma' Lorita Zammit permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tat-12 ta' Novembru, 2004 fl-atti tan-Nutar Sylvana Borg Caruana (ara kuntratt a fol. 6 *et seq* tal-process), liema zwieg kien ukoll gie dikjarat null. Fil-kuntratt ta' separazzjoni fil-paragrafu tlieta (3) kien gie stipulat illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull dritt ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin. Hekk jghid it-tielet paragrafu tal-imsemmi testment illi:

> '3. Il-partijiet qeghdin jirrinunzjaw ghal kull dritt ta' successjoni fil-konfront ta' xulxin. Tali rinunzja hija definittiva u testendi ukoll ghad-drittijiet ta' successjoni naxxenti minn testmenti illi saru mill-istess partijiet flimkien jew separatament qabel id-data ta' dan l-att b'mod illi b'effett ta' dan l-att id-disposizzjonijiet testamentarji maghmula minn xi parti wahda favur il-parti l-ohra ghandhom jitqiesu bhala revokati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, b'dan però illi tali rinunzja ma testendix

ghad-disposizzjonijiet testamentarji illi jistghu jsiru minn parti wahda favur il-parti l-ohra mil-lum 'il quddiem.'

Illi l-mejjet Carmelo *sive* Charles Camilleri qatt ma hassar u rrevoka formalment l-effetti tal-imsemmi testment, b'dan li meta gie nieqes, il-werrieta universali tieghu gew uliedu Christopher u Sven ahwa Camilleri.

Illi da parti tal-konvenuti Christopher u Sven ahwa Camilleri jaqblu li l-attrici Claudette Camilleri hija ntitolata ghall-porzjon rizervat mill-eredita' ta' missierhom Carmelo *sive* Charles Camilleri. Jinsistu li tant li kien hemm qbil, li huma flimkien mal-attrici kienu qablu li jittrasferulha in natura a saldu tal-porzjoni riservat minflok kreditu, t-terz ta' l-appartament bin-numru 1, f'Binja ta' Calleja, Blokk 11, fi Triq Kan. Indri Galea, Imriehel, Birkirkara jekk jirnexxilha takkwista dan mill-Awtorita' tad-Djar. L-Awtorita' tad-Djar ma kkunsidratx it-talba u l-attrici ma riditx bl-ebda mod tizgombra mill-fond imsemmi malgrad li giet debitament interpellata taghmel dan. L-intimati jsostnu li konsegwenza ta' dan huma ma jistghux ihallsu l-legittima peress li ma ghandhomx kreditu stante li fid-data tal-mewt ta' missierhom huma kienu minuri u studenti, illum maggorenni u studenti. Sostnew ukoll li l-ebda imghax m'huwa dovut mill-mewt tad-*decuius* ghaliex il-pretensjoni ta' l-attrici ghal-legittima zgur li ma bdietx minn dakinhar.

**<u>Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Carmelo *sive* Charles Camilleri u hlas tas-sehem rizervat lil Claudette Camilleri:</u>**

Illi kif sottomess aktar 'il fuq Carmelo *sive* Charles Camilleri gie nieqes fl-10 ta' Ottubru, 2014 u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decujus u min mill-mara jew ir-ragel jibqa' haj. Ta' rilevanza ghall-kaz odjern huma l-Artikoli 615 u 631 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaqraw kif isegwi:

> '615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.
>
> (2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.
>
> 631. Jekk il-mejjet iħalli tfal jew dixxendenti oħra, min mir-raġel u l-mara jibqa' ħaj l-aħħar għandu jedd għal kwart tal-valur tal-beni fi proprjetà sħiħa.'

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decujus Carmelo *sive* Charles Camilleri l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

> 'Wieħed irid jirriporta ruħu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni.
> ...
> (a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;
> (b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;
> (c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni[1].
> B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi'.

**<u>Assi ereditarji tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Camilleri:</u>**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Carmelo *sive* Charles Camilleri mad-data tal-mewt tieghu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

1. Terz (1/3) indiviz mid-dar matrimonjali konsistenti fl-appartament bin-numru 1, f'Binja ta' Calleja, Blokk 11, fi Triq Kan. Indri Galea, Imriehel, Birkirkara.

Fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2018 l-attrici ngungiet bhala xhud lil Perit Katia Agius li da parti taghha kkonfermat li giet inkarigata mill-attrici sabiex taghmel stima tal-appartament bin-numru 1,

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

f'Binja ta' Calleja, Blokk 11, fi Triq Kan. Indri Galea, Imriehel, Birkirkara. Hija pprezentat kopja ta' din l-istima a fol. 177 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta li l-fond imsemmi gie stmat fil-valur ta' €120,000 fi stat ta' '*finished*'. Il-Qorti tinnota li da parti tal-konvenuti ma saritx oggezzjoni fuq l-ammont indikat mill-Perit Agius u lanqas intalbet l-hatra ta' Perit Tekniku.

Ghalhekk il-Qorti rinfacjata b'dan ser tistrieh fuq il-valur indikat fir-rapport *ex-parte* b'dan li l-ammont ta' dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' erbghin elf Euro (€40,000);

2. Garage fi Triq Kan. Indri Galea, Imriehel, Birkirkara.

Barra l-istima tal-appartament indikat fil-paragrafu precedenti, l-Perit Katia Agius giet inkarigata wkoll sabiex taghmel stima tal-garaxx fi Triq Kan. Indri Galea, Imriehel, Birkirkara. Il-garage gie stmat fil-valur ta' €20,000. Il-Qorti tinnota li min-naha tal-konvenuti f'dan il-kaz ukoll ma saritx oggezzjoni fuq l-ammont indikat mill-Perit Agius u lanqas intalbet il-hatra ta' Perit Tekniku.

Ghalhekk il-Qorti ser tistrieh fuq il-valur indikat fir-rapport *ex-parte* ghas-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000);

3. Polza ta' Assigurazzjoni bin-numru AP 020112 mal-Mapfre MSV Life b'surrender value ta' €5,396.52.

Illi mill-atti rrizulta li l-mejjet Carmelo *sive* Charles Camilleri kellu diversi poloz ta' assigurazzjoni mal-Mapfre MSV Life. Madanakollu l-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni dik indikata bin-numru AP 020112 peress li l-ohrajn gew assenjati lill-Bank of Valletta plc wara claim u ghalhekk ma jistghux jigu kkunsidrati ai fini ta' porzjon riservat (ara deposizzjoni ta' Analisa Debono – rapprezentanta ta' Mapfre MSV Life Insurance a fol. 134 *et seq* tal-

process). Jigi nnutat li f'wahda minnhom kien ghad hemm bilanc liema bilanc gie mizjud mas-savings accounts (ara deposizzjoni ta' Joanna Bartolo – in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc a fol. 129 *et seq* tal-process).

4. Kont savings mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40010138469 li fih l-ammont ta' €12,993.57 (ara l-istatement a fol. 79 *et seq* tal-process u d-deposizzjoni ta' Joanna Bartolo – in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc a fol. 129 *et seq* tal-process).

**Djun:**

Ta' rilevanza f'dan l-istadju huwa l-Artikolu 620 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jistipula li s-sehem riservat jigi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funerali. Hekk jaqra illi:

> '(2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.'

Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tezamina d-djun tal-assi tal-mejjet Carmelo Camilleri.

1. Il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBQ346 tal-ghamla BMW 116I SE li nxtrat ghall-valur ta' €12,500 (ara logbook a fol. 109 tal-process u ftehim ta' xiri tal-vettura a fol. 229 *et seq* tal-process).

L-attrici pprezentat '*vehicle market value*' a fol. 182 tal-process tas-sena 2015 li ghalkemm hemm indikat l-valur tal-vettura simili ghal dik odjerna, m'hemmx il-valur ghal dik tas-sena ta' manifattura ghal dik odjerna. Ghandu jinghad izda li fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2019 xehed Joseph Micallef in rapprezentanza ta' Ray

Auto Dealer Limited a fol. 237 *et seq* tal-process fejn xehed li l-vettura ma thallsitx kollha. Jirrizulta mid-dokument esebit a fol. 229 tal-process li l-vettura nxtrat l-istess sena tal-mewt ta' Carmelo Camilleri ghas-somma ta' €12,500 ghalhekk huwa debitu li tittiehed din is-somma bhala l-valur reali tal-vettura fis-sena 2014 meta gie nieqes. Mid-dokument esebit a fol. 234 tal-process jirrizulta li d-dejn dovut fuq il-vettura sad-data l-aktar vicin qabel il-mewt ta' Carmelo Camilleri kien dak ta' €10,703.94 (ara l-entrata li ggib id-data tas-17 ta' Settembru, 2014. Ghalkemm mill-istess dokument jirrizulta li saru xi pagamenti wara l-mewt ta' Carmelo Camilleri mill-atti ma ngabet l-ebda prova dwar min effettwa dawn il-pagamenti u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konsiderazzjoni taghhom. Il-Qorti tqis ghalhekk li l-valur tal-vettura li ghandu jittiehed wara li jitnaqqas id-dejn dovut ghandu jkun dak ta' €12,500 - € 10,703.94 = €1,796.06. Dak li sehh fil-kont ta' din il-vettura wara d-data tal-mewt tad-decujus jikkoncerna lill-eredi u mhux lir-rikorrenti li s-sehem riservat taghha ghandu jigi kalkulat mal-valur tal-eredita' fid-data tal-mewt. Ghalhekk il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mir-rikorrenti li interessi u *charges* li gew mposti wara d-data tal-mewt m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni. Ghaldaqstant fir-riunjoni fittizja tal-eredita' li trid taghmel din il-Qorti ser jittiehed il-valur ta' €1,796.06 fir-rigward tal-vettura.

2. Kont pendenti mal-ARMS Ltd fl-ammont ta' €2,463.10.

Fir-rikors guramentat numru 131/2017 fl-ismijiet Dr Ludvic Caruana noe -vs- Claudette Camilleri et xehed Reuben Bonnici rapprezentant tal-ARMS Ltd fis-seduti tat-23 ta' Lulju, 2019 (fol. 211) u tat-3 ta' Settembru, 2019 (fol. 228). Ix-xhud fost affarijiet ohra pprezenta kont li ghadu pendenti fuq isem il-mejjet Carmelo Camilleri tal-fond 1, Benitos, Triq il-Wied, Birkirkara (ara kopja

tal-kont a fol. 218 *et seq* tal-process imsemmi). Ix-xhud ikkonferma li l-kont inghalaq u ghalhekk imghaxijiet m'ghadhomx ghaddejjin. Madanakollu bhala bilanc li kien dovut fl-entrata l-aktar vicina d-data tal-mewt ta' Carmelo Camilleri jirrizulta li dan kien fl-ammont ta' €712.43 (ara entrata datata 24 ta' Ottubru, 2014). Ghaldaqstant fid-dawl li rrizulta li l-mejjet Carmelo Camilleri kellu dejn mal-ARMS Ltd fl-ammont ta' €712.43 fid-data tal-mewt din il-Qorti ser tghaddi sabiex tnaqqas l-ammont mill-valur tal-eredita' ghall-fini tal-komputazzjoni tas-sehem riservat tar-rikorrenti.

**<u>Kalkolazzjoni u Hlas tal-Legittima:</u>**

| | |
|---|---|
| 1. Immobbli - | €60,000 + |
| 2. Polza - | €5,396.52 |
| 3. Flus il-bank - | €12,993.57 |
| <u>4. Vettura (ekluz dejn)-</u> | <u>€1,796.06</u> |
| **<u>Total -</u>** | **<u>€80,186.15</u>** |
| Valur Totali - | €80,186.15 - |
| <u>Dejn Arms</u> | <u>€712.43</u> |
| | <u>€79,473.72</u> |

**Sehem ir-rikorrenti bhala porzjon riservat ¼ ta' €79,473.72 = - €19,868.43.**

**<u>Imghax:</u>**

Bhala r-raba' talba taghha l-attrici titlob li jigu likwidati l-interessi dovuti mir-rikorrenti mid-data tal-mewt ta' Carmelo *sive* Charles Camilleri u cioe' mill-10 ta' Ottubru, 2014 sal-pagament effettiv.

Illi da parti tal-intimati fis-sitt eccezzjoni taghhom jeccepixxu li din it-talba m'ghandiex tigi milqugha ghaliex certament il-pretensjoni ta' l-attrici zgur ma bdietx minn dakinhar.

Illi l-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

Hekk jaqra s-sub-artikolu 2:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'

Mir-rikors guramentat jirrizulta li l-attrici Claudette Camilleri bghatet ittra ufficjali bir-referenza 1810/2015SM ghalkemm kopja ta' din l-ittra ufficjali ma gietx prezentata fl-atti. Mill-banda l-ohra l-kawza giet intavolata nhar is-27 ta' Lulju, 2016 u cioe' entro s-

sentejn stipulati fl-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fl-atti gew prezentati diversi korrispondenzi li ghaddew bejn il-partijiet u l-Awtorita' tad-Djar a fol. 53 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta li f'certu punt kien hemm possibilita' li l-kwistjoni tigi rizolta bonarjament. Ghalhekk il-Qorti ma tarax li ghandha tikkundanna lill-intimati ahwa Camilleri li jhallsu l-interessi mill-apertura tas-successjoni meta da parti taghhom kienu disponibbli li jaghtu t-terz mill-appartament lill-attrici, transazzjoni li ma saritx unikament ghaliex ma kinitx proposta accettabbli mill-Awtorita' tad-Djar.

Illi l-kaz odjern gie pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2016 u cioe' tlett (3) xhur wara l-ittra datata 26 ta' April, 2016 li ntbghatet mill-konvenuti ahwa Camilleri lill-Awtorita' tad-Djar sabiex jinfurmaw mill-gdid lill-Awtorita' li m'hemmx oggezzjoni da parti taghhom li t-terz tal-appartament jinxtara mill-attrici (ara ittra a fol. 56 tal-process). Ghalhekk, din il-Qorti wara li kkunsidrat il-fatti u c-cirkostanzi tqis li l-attrici ghandha l-jedd ghall-imghax legali ta' 8% fuq il-kreditu taghha likwidat aktar il' fuq mid-data tal-ftuh tal-kawza odjerna u cioe' mis-27 ta' Lulju, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, tilqa' t-talbiet tal-attrici kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tistabilixxi u taccerta l-konsistenza tal-assi ereditarji tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Camilleri hekk kif

indikat aktar il' fuq f'din id-decizjoni taht is-sezzjoni 'Assi ereditarji tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Camilleri' u taht is-sezzjoni 'Djun';

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li r-rikorrenti Claudette Camilleri hija intitolata ghas-sehem riservat mill-eredita' ta' zewgha Carmelo *sive* Charles Camilleri li miet nhar l-10 ta' Ottubru 2014, minghand l-eredi tieghu, u cioe' uliedu Christopher u Sven ahwa Camilleri.

3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida u tikkwantifika l-valur tal-eredita' kollha tad-defunt Carmelo *sive* Charles Camilleri fl-ammont ta' disgha u sebghin elf, erba' mija u tlieta u sebghin ewro u tnejn u sebghin centezmu (**€79,473.72)** u tillikwida u tikkwantifika l-porzjoni riservata spettanti lir-rikorrenti skont dak li jirrizulta mill-komputazzjonijiet maghmula aktar il' fuq f'din id-decizjoni fis-somma ta' dsatax il-elf, tmien mija u tmienja u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (**€19,868.43).**

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-imghax ta' 8% dovut lir-rikorrenti fuq il-porzjoni riservata hekk likwidata mid-data tal-ftuh tal-kawza odjerna u cioe' mis-27 ta' Lulju, 2016 sad-data tal-pagament effettiv;

5. Tilqa' l-hames talba u tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata, rapprezentanti dak dovut lir-rikorrenti bhala sehem riservat wara l-mewt ta' zewgha Carmelo *sive* Charles Camilleri, flimkien mal-imghaxijiet legali kif ordnat.

Bl-ispejjez kollha hekk kif mitluba a kariku tal-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**22 ta' April, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' April, 2021**